DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1050

tat-30 ta' Ġunju 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK [1] dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

(2) Fl-24 ta' Novembru 2013, iċ-Ċina, Franza. il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, appoġġati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, laħqu ftehim mal-Iran dwar Pjan ta' Azzjoni Konġunt li jistabbilixxi approċċ għall-kisba ta' soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. Ġie miftiehem li l-proċess li jwassal għal din is-soluzzjoni komprensiva jinkludi, bħala l-ewwel pass, miżuri inizjali maqbula b'mod reċiproku li għandhom jittieħdu miż-żewġ naħat għal perijodu ta' sitt xhur u rinnovabbli bi qbil komuni.

(3) Bħala parti minn dan l-ewwel pass, l-Iran iwettaq għadd ta' miżuri volontarji kif speċifikat fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt. Bħala kumpens għal dan, jitwettqu għadd ta' miżuri volontarji li jinkludu, għall-Unjoni, is-sospensjoni tal-miżuri restrittivi li jirrigwardaw il-projbizzjoni rigward il-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u ta' trasport taż-żejt mhux maħdum Iranjan, il-projbizzjoni rigward l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport ta' prodotti petrokimiċi Iranjani u rigward il-forniment ta' servizzi relatati u l-projbizzjoni rigward il-kummerċ fid-deheb u fil-metalli prezzjużi mal-Gvern tal-Iran, il-korpi pubbliċi tiegħu u l-Bank Ċentrali tal-Iran, jew persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom. Is-sospensjoni ta' dawk il-miżuri restrittivi ikollha durata ta' sitt xhur u matul dan il-perijodu l-kuntratti rilevanti għandhom jiġu eżegwiti.

(4) Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt jipprevedi wkoll żieda b'għaxar darbiet tal-limiti ta' awtorizzazzjoni fir-rigward tat-trasferimenti ta' fondi lejn l-Iran u mill-Iran.

(5) Fl-20 ta' Jannar 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/21/PESK [2] li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-miżuri restrittivi tal-Unjoni li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt.

(6) Fid-19 ta' Lulju 2014, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ftehmu mal-Iran biex tiġi estiża l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sal-24 ta' Novembru 2014.

(7) Fil-21 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/480/PESK [3] li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK sabiex jiġu estiżi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-miżuri restrittivi tal-Unjoni li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt.

(8) Fl-24 ta' Novembru 2014, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tal-koordinatur u n-negozjatur tal-UE għall-grupp E3/UE+3 fin-negozjati nukleari mal-Iran, qablu mal-Iran sabiex tiġi estiża l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sat-30 ta' Ġunju 2015.

---

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/21/PESK tal-20 ta' Jannar 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 15, 20.1.2014, p. 22).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/480/PESK tal-21 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 215, 21.7.2014, p. 4).

(9) Fil-25 ta' Novembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/829/PESK [1] li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK sabiex jiġu estiżi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-miżuri restrittivi tal-Unjoni li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt.

(10) Fit-2 ta' April 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, laħqu soluzzjonijiet dwar il-parametri ewlenin ta' Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt, li poġġew il-bażi għat-test finali, inklużi d-dettalji tekniċi tiegħu, li għandu jintlaħaq qbil dwaru sat-30 ta' Ġunju 2015.

(11) Fit-30 ta' Ġunju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ftehmu mal-Iran biex tiġi estiża l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sas-7 ta' Lulju 2015 sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex jitkomplew in-negozjati bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt.

(12) Is-sospensjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni speċifikati fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt għandha għalhekk tiġi estiża sas-7 ta' Lulju 2015. Il-kuntratti rilevanti ikollhom jiġu eżegwiti sa dik id-data.

(13) Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26a

1. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3a(1) għandha tiġi sospiża sas-7 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda t-trasport taż-żejt mhux maħdum Iranjan.

2. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3a(2) għandha tiġi sospiża sas-7 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda l-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport taż-żejt mhux maħdum Iranjan.

3. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3b għandha tiġi sospiża sas-7 ta' Lulju 2015.

4. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 4c għandha tiġi sospiża sas-7 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda d-deheb u l-metalli prezzjużi.

5. L-Artikolu 10(3)(a), (b) u (c) huwa sostitwit bil-punti li ġejjin sas-7 ta' Lulju 2015:

'(a) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, it-tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji ta' inqas minn EUR 1 000 000, kif ukoll trasferimenti fir-rigward ta' rimessi personali, ta' inqas minn EUR 400 000, għandhom isiru mingħajr ebda awtorizzazzjoni minn qabel. It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(b) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, it-tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji ta' aktar minn EUR 1 000 000, kif ukoll trasferimenti fir-rigward ta' rimessi personali, ta' aktar minn EUR 400 000, għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 100 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.'.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/829/PESK tal-25 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 338, 25.11.2014, p. 1).

6. L-Artikolu 10(4)(b) u (c) huwa sostitwit bil-punti li ġejjin sas-7 ta' Lulju 2015:

'(b) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' inqas minn EUR 400 000 għandu jsir mingħajr ebda awtorizzazzjoni minn qabel. It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 400 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-awtorizzazzjoni għandha titqies li tkun mogħtija fi żmien erba' ġimgħat sakemm il-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ma tkunx oġġezzjonat f'dak il-perijodu ta' żmien. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda.'.

7. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18b għandhom jiġu sospiżi sas-7 ta' Lulju 2015.

8. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 20(2) fir-rigward tal-Ministeru taż-Żejt, elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sas-7 ta' Lulju 2015, sa fejn ikun neċessarju għall-eżekuzzjoni, sas-7 ta' Lulju 2015, ta' kuntratti għall-importazzjoni jew ix-xiri ta' prodotti petrokimiċi Iranjani.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS